# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Deċiżjoni Preliminari numru 3043

Każ numru 4237/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

Bejn

Jackie McCarthy
(Pass No PU 3280239 )

U

Atlas Language Institute Ltd
(C-86329)

dwar tkeċċija mill-impjieg
allegata li hi inġusta

**Chairman: <u>James Henry Pearsall</u>**

**Illum 13 ta' Jannar 2025**

**(1) Ir-riferenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali f'isem Jackie McCarthy permezz ta' l-Avv: Dr. Brandon Kirk Muscat permezz ta' rikors nhar is-6 ta Novembru 2023 fit-Tribunal Industrijali Qrati tal-Ġustizzja Maltin, fejn isosstni li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha ma kienetx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta).
Għaldaqstant qeda titlob kumpens xieraq għad-danni li sofriet.

Minn naħa tagħha il-kumpanija Atlas Language Institute Ltd permezz ta l-Avv: Dr Charlene Baldacchino Gauci f'risposta mibgħuta fil-2 ta' Frar 2023 lit-Tribunal Industrijali Qrati tal Ġustizzja Maltin, tirritjeni preliminarjament, li dan it-Tribunal Industrijali ma għandux il-ġurisdizzjoni sabiex jiddetermina l-mertu ta' din il-kawża skond Art 75 (1), għax dan mhux każ ta' tkeċċija inġusta, iżda kien hemm, biss, irtirar ta' kuntratt ta' impieg qabel ma dan il-kuntratt ġie fis-seħħ u qabel ma inħolqot kwalunkwe relazzjoni ta' impieg. U dan ai termini ta' l-Artkolu tal Kap 452 tal-ligijiet ta Malta. Għalhekk it-talbiet ta' Jackie McCarthy huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda

**(2) Ir-rappreżentanza:**

Jackie McCarthy li minn issa il quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti, wara ir-rinunzja tal-patroċinju tal każ mill-**Avv: Dr Brandon Kirk Muscat**, u bil-forza tad-digriet tal-Qorti maħruġ fil-19 ta' Jannar 2024, bdiet tiġi assistita
**mill-Avv: Dr. RoseMarie Farrugia.**
Atlas Language Institute Ltd li minn issa ser tissejjah is-soċjetà intimata qed tkun assistita **mill Avv: Dr. Charlene Baldacchino Gauci**

**(3) Il-fatti fil qosor:**

Ir-Rikorrenti kienet għamlet applikazzjoni on-line għal impieg f'Malta mas-soċjetà initmat. Din l-applikazzjoni ġiet milqugħa u sussigwentiment ġie iffirmat kuntratt ta' xogħol fit-19 ta' Ġunju 2023 u li fih ġie maqbul li ir-rikorrenti kellha tibda l-impieg tagħha fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Awissu (2023).
Fis-sbatax (17) ta' Awissu (2023), waqt li kienet fi triqitha lejn Malta, tikkonferma li indunat li ma segwietx kommunikazzjoni bl-email mibgħuta lilha mis-soċjetà intimata fil-ġranet ta' qabel, minħabba nuqqas ta komunikazzjoni elettronika bl-internet.
Fid-dawl tal-fatt li-s-soċjetà intimat baqgħet ma rċeviet l-ebda komunika mingħand ir-rikorrenti, is-soċjetà
iddeċidiet li tagħmel l-arranġamenti sabiex issib għalliem/a alternattiv li jkunu jistgħu ikopru il-klassi ta' studenti, li kienet ser tgħallem ir-rikorrenti.
Fl-istess data, dik ta sbatax (17) ta' Awissu, ir-rikorrenti rċeviet kommunikazzjoni oħra, bl-email, fejn ġiet mgħarrfa li is-soċjetà intimata kienet assenjat ix-xogħol tagħha lil persuna oħra.
Ir-rikorrenti waslet Malta fid-dsatax(19) ta' Awissu u saret taf li is-soċjetà intimata kienet ħarġet avviż għal sejħa għall għalliema tal-lingwa b'rata għola minn dik li kienet offruta lilha.

**(4) Lista tax-xhieda:**

Minn naħa tas-soċjetà intimata  xhieda skond kif riferuti risposta tagħha.
Minn naħa tar-rikorrenti, xhieda riferuta fil-lista fir-rikors.

**(5) Lista tad-dokumenti:**

Minn naħa tar-rikorrenti Doc J Mc 1.
Minn naħa tas-soċjetà intimata Doc A sa l inkluż
Minn naħa tat Tribunal Dok LB 1.

**(6) Ġabra tax-xhieda fil qosor:**

**Sed 06-05-2024**
**L-Avv:RM Farrugia tistaqsi: "** Did Jacki ever actually start her employment with Atlas Language Institute??**"**
**Sofia Scorza: HR Mgr:** "No, she did not___________Ms McCarthy did not communicate with us surely before, a few days before starting up ______________But she never actually carried out any duties with Atlas__________".

**Chairperson Tribunal jistaqsi:** *"Did she give you any valid reason for not reporting for work on the day that you requested her to commence??".*
**S.*S:*hr mgr:** *" No, she did not give any valid reason, at least in my opinion all she said was that she had some emm setbacks en route to Malta___________she had bad internet connections_____________she never replied after the last email I've sent her".*

**(7) Trattazzjoni finali:**

**L-Avv: RoseMarie Farrugia,** għar-rikorrenti waqt it-trattazzjoni tagħha sostniet li il-punt kruċjali ta' dan il-każ huwa meta tiġi fis-seħħ **ir-Relazzjoni ta' Impieg. L-Avv:** tgħid *" illi il-ġurisdizzjoni' dan it-Tribunal issejjes fuq il-fatt jekk effetivament kienx hemm relazzjoni ta' impieg bejn il-partijiet u b'hekk sussegwentement it-Tribunal ikun jista' jiddeċiedi jekk kienx hemm tkeċċija inġusta. L-esponenti tirrileva illi kien hemm effettivament relazzjoni ta' impieg bejn il-partijiet"*, u dan jixhdu l-istess kuntratt iffirmat bejn iż-żewġ partijiet.

**L-Avv:RM Farrugia:** tagħmel riferenza minn deċiżjonijiet oħra mgħotija mit-Tribunal tat-talbiet żgħar, fejn teżiġi li.
*"Il-vinkolu kontrattwali għandhu jiġi rispettat u l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni kellha tipprevali u trid tiġi osservata:* ***pacta sunt servanda".***

**L-Avv: RM Farrugia**: Isosstni, Illi bl-iffirmar tal-kuntratt, il-partijiet marru oltre s-sempliċi offerta ta' xogħol (li saret tramite email), u intrabtu permezz ta' kuntratt. Il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet qatt ma kien sempliċi offerta ta' xogħol, iżda rabta bejn impjegat u min iħaddem biex jirregola l-paga u l-kundizzjonijiet tax-xogħol mgħoti li tinkwadra eżatt taħt id-definizzjoni ta' kuntratt, u b'hekk, tinħoloq relazzjoni ta' impieg. Għaldaqstant, s-soċjetà intimata hija skorretta meta tgħid li dak li għamlet huwa b'xi mod irtirar ta' offerta ta' xogħol. __________għax il-partijiet kienu laħqu marru oltre sempliċi offerta u iffirmaw kuntratt. B'hekk is-soċjetà intimata qatt ma setgħet titqies li kienet qed tirtira sempliċi offerta ta' impieg.
**L-Avv: R. M. Farrugia**: sossniet illi d- data ta' meta kellha tirrapporta għax-xogħol ma tista' qatt titqies bħala d-data tal-bidu tar-relazzjoni tal-impieg, iżda kienet dik ta meta ġie iffirmat il-kuntratt.
In vista tas-suespost , dan it-Tribunal għandhu jiċħad din l-ewwel eċċezzjoni bħala waħda infondata fil-liġi u jkompli bis-smiegħ ta' din il-kawża.

**L-Avv: Charlene Baldacchino Gauci:** għas-soċjetà intimata fir-risposta tagħha "*tirreferi għall Kap 452 targumenta li fil-kawża odjerna ma kien hemm l-ebda tkeċċija mill-impieg u l-anqas ma ġie mitmum kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss, ______________, f'dan il-każ sempliċiment kien hemm irtirar tal-kuntratt ta' impieg qabel ma dan il-kuntratt ġie fis-seħħ u qabel ma inħolqot kwalunkwe relazzjoni ta' impieg".*

*"tirreferi ukoll, li anke li kieku l-irtirar tal-kuntratt ta' impieg jiġi ikkunsidrat bħal terminazzjoni ta' impieg, dan l-irtirar sar fil-perjodu tal-ewwel sitt(6) xhur ta' impieg u għaldaqstant waqt il-perjodu ta' prova." F'dan il-perjodu ir-relazzjoni ta' xogħol tista' tiġi mitmuma mingħajr l-ebda raġuni, u dan skond il-liġi Art 36(2 tal Kap 452.*

**L-Avv: C.B.Gauci*:* t**argumenta li " ___________ *f'dan il-każ kienet ir-rikorrenti li abbundunat il-kuntratt tal- impieg tagħha dan ai termini Artikolu 36(12)b tal Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta".*

## (8) Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:

It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu ta' dan il-każ, ikkonferma li:
(a) Kien hemm offerta ta' xogħol li ġiet milqgħuha u aċċettata mis-soċjetà intimata.

(b) Kien hemm kuntratt iffirmat miż-żewġ partijiet, li kien jistipula id-data speċifika għal bidu ta' l-impieg, dik tal-21 ta' Awissu 2023.
(c) Minbarra il-kuntratt tax-xogħol li sar bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata, kien hemm ftehim li għandhu isir ħlas għal-rilokazzjoni tar-rikorrenti. (email 10-08-2023).

(d) Kien hemm preparamenti mitluba mis-soċjetà intimata, li r-rikorrenti indikat li kienet ser tlesti qabel ma tibda l-ewwel ġurnata tax-xogħol tagħha, skond il-kuntratt
(e) Is-soċjetà intimata kellha responsabiltà ta' rabtiet kuntrattwali mal-klijenti tagħha, li kienu ser ikunu mgħallma mir-rikorrenti.
(f) Id-deċiżjoni ta' l-irtirar tal-offerta għax-xogħol/ kuntratt seħħet meta ir-rikorrenti, l-anqas kienet biss waslet Malta, kif fil-fatt għamlet jumejn qabel id-data tal-bidu tal kuntratt.
(g) Is-soċjetà intimata, iddeċidiet li tinforma lir-rikorrenti li kuntratt tax-xogħol tagħha kien ġie terminat, u li kienet ġiet mgħajjta persuna oħra sabiex tagħmel ix-xogħol tagħha.
(h) It-Tribunal innota li ir-rikorrenti, waqt it-traġitt tagħha lejn Malta, kellha problemi sabiex tikkomunika (bl-email) mas-soċjetà intimata qabel id-data tal-bidu effettiv ta' l-impieg. Ir-rikorrenti xorta waħda waslet Malta jumejn qabel sabiex tibda l-impieg tagħha fil-ġurnata kif miftehma fil-kuntratt. Dan ġie imċaħħad lilha, bil-fatt kontributorju minn naħa tas-soċjetà intimata meta ġiet impjegata persuna oħra ferm qabel id-data tal-bidu effettiv tal-kuntratt miftiehem mar-rikorrenti.

**(9) Deċiżjoni:**

It-Tribunal Industrijali ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ippreżentati miż-żewġ partijiet, żamm żewġ (2) seduti, sema ix-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa in konsiderazzjoni ta' l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali.

It-Tribunal Industrijali dejjem asserixxa li huwa Tribunal tal-fatti, iżda bl-ebda nuqqas fl-ambitu tal-ligijiet, u dan dejjem sabiex isseħħ il-ġustizzja. It-Tribunal jagħmel distinzjoni biss bejn każ u ieħor wara li jifli iċ-ċirkustanzi tal-fatti kollha tal-każ.
F'dan il-każ partikulari it-talba preliminari hija ibbażata fuq minn meta tibda ir-relazzjoni ta' xogħol, fejn għandna kuntratt iffirmat bejn żewġ partijiet, fid-dsatax 19 ta' Ġunju 2023 u li kellu jibda jiġi effettiv fil-23 ta' Awissu 2023.

It-Tribunal Industrijali huwa obbligat li josserva il-liġi u jagħti każ li kien hemm kuntratt ta' xogħol/ servizz, iffirmat bejn żewġ partijiet. L-għan ta' dan il-kuntratt stabbilixxa il-bidu ta' relazzjoni ta' impieg li kien jinkludi anke perjodu li mhux irremunerat, tant, lis-soċjetà intimata

assumiet li r-rikorrenti kellha tidhol għal laqgħa ta' l-istaff fit-tmintax (18) ta' Awissu, tlett ijiem qabel il-bidu tal-kuntratt.

It-Tribunal innota ukoll li-l-istess soċjetà fir-risposta tagħha irreferiet li kieku il-kuntratt li sar kellu għarfien ta' relazzjoni ta' impieg, l-stess soċjetà setgħet tuża iż-żmien ta' prova u ma tagħtix raġuni għall għoti tat-terminazzjoni ta' l-impieg.

Għaldaqstant it-Tribunal Industrijali, f'dan il-każ, ma jistax jippermetti lill l-ebda parti li tuża il-liġi meta u skond kif trid.

It-tribunal f'dan l-istadju ma jistax ma josservax id-definizzjoni kif spjegata fil-liġi tiegħu stess.

Għaldaqstant ir-rikorrenti f'dan il-każ għandha tiġi ittrattata bħal "**impjegata"** skond (Art 2 paġna 3) tal Kap 452

"***impjegat/a** tfisser persuna li tkun għamlet jew taħdem taħt kuntratt ta' servizz **jew li tkun ntrabtet personalment** li tagħmel xi xogħol jew ħidma għal ħaddieħor, u taħt id-direzzjoni u kontroll immedjat ta' persuna oħra,_________________________"*

F'dan il-każ, it-tribunal qed jiddeċiedi li dan mhux każ ta' irtirar ta' offerta ta' impieg iżda wieħed ta' terminazzjoni prematura ta' relazzjoni ta' impieg marbuta b'kuntratt legali.

Għalhekk it-Tribunal għandu il-kompetenza li ikompli jisma il-każ.

**(iffirmat)**
**James Pearsall**

**Chairman** **Vera kopja**

**Graziella Borg**

**Għas- Segretarju**